MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2009

Numru 995/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**vs**

**EMMANUEL MIFSUD**
**CARMELO MIFSUD**
**MALCOM MIFSUD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emmanuel Mifsud ta’ 53 sena mwieled gewwa l-Marsa nhar it-18 ta’ Settembru 1953 bin missier Fidele u Anna nee’ Said residenti gewwa 35 Sun Flower Hal Bajada Road Qormi detentur tal-karta tal-identita Nru 684753M u lill-Carmelo Mifsud ta’ 48 sena mwieled gewwa l-Marsa nhar it-23 ta’ Ottubru 1957 bin Fidele u Anna nee’ Said residenti gewwa 460 Triq Il-Vittorja Qormi detentur tal-karta tal-identita nru

712557M u lill-Malcom Mifsud ta' 29 sena mwieled L-Awstralja nhar il-1 ta' Jannar 1977 bin Emmanuel u Carmen nee' Buhagiar gewwa 28 Bird of Paradise Triq Censu Decandia Luqa detentur ta' Karta tal-identita nru 343591M.

Billi gew akkuzati talli nhar il-31 ta' Awissu ghall-habta ta' 2.00pm gewwa l-isptar San Luqa u cioe' fil-parkegg tal-Kamra Mortwarja ikkagunaw griehi ta' Natura Gravi fuq il-persuna ta' Louis Borg minn tas-Sliema kif iccertifika Dr. Stephen West MD u dan ai terminu tal-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok data hin u taht l-istess cirkostanzi ikkagunaw feriti hfief fuq il-persuni ta' Karl Borg u Miguel Borg minn tas-Sliema kif iccertifikat minn Dr. Stephen West MD u dan ai terminu tal-artikolu 212 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok data hin u taht l-istess cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija mghotija lilhom u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-artikolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok data hin u taht l-istess cirkostanzi kisru il-kwiet u l-buon ordni pubblika u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok data hin u taht l-istess cirkostanzi heddu bi kliem lill-persuni imsemmija aktar il-fuq u dan ai terminu tal-artikoli 339(1)(e).

U aktar talli nvolontarjament ikkagunaw hsar fuq uniformijiet tal-Membri tal-Korp Tal-pulizija u membri tas-sigurta tal-isptar San Luqa u dan ai terminu tal-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 11 tal-Process u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat Emmanuel Mifsud iddikjara li qieghed jikkonferma l-ammissjoni tieghu rigwardanti l-ewwel akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra tieghu u inoltre iddikjara li hu hati tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Emmanuel Mifsud bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Emmanuel Mifsud wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat Carmelo Mifsud iddikjara li qieghed jikkonferma l-ammissjoni tieghu rigwardanti it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra tieghu u inoltre iddikjara li hu hati tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lil-imputat Carmelo Mifsud bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Carmelo Mifsud wiegeb li hu hati tat-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat Malcom Mifsud iddikjara li qieghed jikkonferma l-

ammissjoni tieghu rigwardanti it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuaz migjuba kontra tieghu u inoltre iddikjara li hu hati tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Malcom Mifsud bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Malcom Mifsud wiegeb li hu hati tat-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna u Dr Arthur Azzopardi ghall-imputati iddikjaraw li jaqblu li nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati kollha, din l-ewwel akkuza kienet giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fis-Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009 fil-konfront tal-imputat Carmelo Mifsud u Malcom Mifsud. Inoltre l-istess Uffijcal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna u Dr Arthur Azzopardi ghall-imputati iddikjaraw li nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati kollha, stante rinunzja da parti tal-parte civile, jirrizulta Procediment Ezawrit fil-konfront tal-imputati kollha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Emmanuel Mifsud l-artikoli 214, 216, 338(ee), 338(dd), 339(1)(e), 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Carmelo Mifsud l-artikoli 338(ee), 338(dd), 339(1)(e) u 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Malcom Mifsud l-artikoli 338(ee), 338(dd), 339(1)(e) u 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emmanuel Mifsud, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza, tat-tielet akkuza, tar-raba' akkuza, tal-hames akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputat Emmanuel Mifsud taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Emmanuel Mifsud ghall-piena ta' mija u hamsin Euro (Euro 150) multa.

Issib lill-imputat Carmelo Mifsud, fuq ammissjoni, hati tat-tielet akkuza, tar-raba' akkuza, tal-hames akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputat Carmelo Mifsud taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Carmelo Mifsud ghall-piena ta' mitt Euro (Euro 100) multa.

Issib lill-imputat Malcom Mifsud, fuq ammissjoni, hati tat-tielet akkuza, tar-raba' akkuza, tal-hames akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputat Malcom Mifsud taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Rigward l-ewwel akkuza, u dan nkwantu ghall-imputati Carmelo Mifsud u Malcom Mifsud biss, stante li fis-Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009 il-Prosekuzzjoni kienet irtirat din l-ewwel akkuza fil-konfront tal-imsemmija imputati Carmelo Mifsud u Malcom Mifsud, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputati Carmelo Mifsud u Malcom Mifsud.

Rigward it-tieni akkuza, u dan nkwantu ghall-imputati kollha, il-Qorti tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja da parti tal-parte civile fil-konfront tal-imputati kollha nkwantu ghal din it-tieni akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------